Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8661 — Oaktree/PIMCO/Real Estate Portfolio)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2017/C 376/03)

1. Fis-27 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Oaktree Capital Group LLC (l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Pacific Investment Management Company LLC (l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Real Estate Portfolio (il-Polonja).

Oaktree Capital Group LLC (Oaktree) u Pacific Investment Management Company LLC (PIMCO) indirettament jakkwistaw fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' portafoll li jikkonsisti fi 28 proprjetà kummerċjali li jinsabu l-Polonja ("Real Estate Portfolio").

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Oaktree: ġestjoni ta' investimenti dinjija li jispeċjalizzaw f'investimenti alternattivi fid-distressed debt, id-dejn korporattiv (inkluż tas-self bi dħul għoli u self preferenzjali), titoli konvertibbli, propejetà immobbli u ekwitajiet ikkwotati fil-Borża.

— għal PIMCO: ġestjoni ta' investimenti dinjija li tipprovdi s-servizzi tagħha, fost oħrajn lil gvernijiet, kumpaniji tal-assikurazzjoni, investituri ta' valur għoli, istituzzjonijiet finanzjarji, investituri bl-imnut u strumenti ta' investiment.

— għal Real Estate Portfolio: il-kiri ta' proprjetà immobbli kummerċjali fil-Polonja. Il-Portfolio jinkludi proprjetajiet kummerċjali li jinsabu f'27 belt fil-Polonja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.8661 — Oaktree/PIMCO/Real Estate Portfolio

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË